

ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI Nru 1/2014 TAL-KUNSILL KONĠUNT TAL-CARIFORUM-UE

tal-24 ta' Ottubru 2014

stabbilit bil-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati tal-CARIFORUM, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, rigward il-parteciċipazzjoni fil-Kumitat Konsultattiv tal-CARIFORUM-UE

(2014/820/UE)

IL-KUNSILL KONĠUNT TAL-CARIFORUM-UE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati tal-CARIFORUM, min-naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim"), u b'mod partikolari l-Artikolu 232(2) tiegħu,

Billi fid-dawl tal-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 1 tal-Ftehim, u l-impenn lejn il-monitoraġġ tiegħu previst fl-Artikolu 5 tal-Ftehim, huwa xieraq li tiġi determinata l-parteciċipazzjoni fil-Kumitat Konsultattiv tal-CARIFORUM-UE,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-Kumitat Konsultattiv tal-CARIFORUM-UE ("il-Kumitat") għandu jkun magħmul minn erbgħin (40) rappreżentant permanenti ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kif ġej:
 - (a) ħamsa u għoxrin (25) li jirrappreżentaw organizzazzjonijiet li jinsabu fl-Istati tal-CARIFORUM; u
 - (b) ħmistax (15) li jirrappreżentaw organizzazzjonijiet li jinsabu fl-Unjoni Ewropea.
2. F'kull sett ta' rappreżentanti msemmija hawn fuq, ikun hemm rappreżentanza bbilanċjata ta':
 - (a) l-organizzazzjonijiet ta' min jimpjega,
 - (b) trade unions,
 - (c) organizzazzjonijiet oħra ekonomiċi, soċjali u mhux governattivi, inklużi organizzazzjonijiet għall-iżvilupp u organizzazzjonijiet ambjentali; u
 - (d) il-komunità akkademika.
3. Ir-rappreżentanti permanenti għandhom iservu għal sentejn. Għandhom jiġu żgurati kompetenzi esperti rilevanti u r-rappreżentanza ġeografika u settorjali wiesgħa.
4. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, "organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili" tinkludi istituzzjonijiet, assoċjazzjonijiet, fondazzjonijiet, gruppi ta' promozzjoni u entitajiet oħra ta' natura mhux governattiva li ma għandhomx skop ta' qligħ u li huma kapaċi jipprovdu pariri jew jikkontribwixxu informazzjoni speċjalizzata dwar kwistjonijiet koperti mill-Ftehim, kif ukoll rappreżentanti tal-komunità akkademika.
5. Organizzazzjoni titqies li tkun fit-territorju ta' wieħed mill-Istati tal-CARIFORUM jew tal-Unjoni Ewropea jekk tali organizzazzjoni jkollha l-uffiċċju statutorju, it-tmexxija u l-kontroll ċentrali fit-territorju ta' wieħed mill-Istati tal-CARIFORUM jew tal-Unjoni Ewropea skont ma jkun il-każ.

Artikolu 2

1. Il-Kumitat għandu jkun kompost mill-Kunsill Konġunt tal-CARIFORUM-UE tar-rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili magħżula skont l-Artikolu 1 mill-Unjoni Ewropea u mill-Istati tal-CARIFORUM, rispettivament.
2. Il-Kunsill Konġunt tal-CARIFORUM-UE jista' wkoll jimmodifika l-lista tal-membri fejn meħtieġ.

3. Kull post vakanti fis-sħubija tal-Kumitat ma għandux jinvalida l-kostituzzjoni tal-Kumitat jew inaqqs id-dritt tal-membri li jifdal milli jaġixxu.
4. Maġġoranza tal-membri magħżula mill-Unjoni Ewropea u maġġoranza ta' membri magħżula mill-Istati tal-CARIFORUM għandha tikkostitwixxi kworum tal-Kumitat.

Artikolu 3

Ir-rappreżentanti permanenti jistgħu jirċievu assistenza finanzjarja għat-twettiq ta' dmirijietom fil-Kumitat.

Artikolu 4

Kull organizzazzjoni li tissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 232 tal-Ftehim tista' tattendi l-laqgħat tal-Kumitat bħala osservatur.

Artikolu 5

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għandu jservi ta' segretarjat tal-Kumitat għal perijodu inizjali li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2014. Wara din id-data, organizzazzjoni jew entità magħżula mill-Istati tal-CARIFORUM segwita minn organizzazzjoni jew entità magħżula mill-Unjoni Ewropea għandha taġixxi fuq bażi alternata għal perijodi ta' 12-il xahar bħala s-segretarjat tal-Kumitat.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-24 ta' Ottubru 2014.

Magħmul f'Georgetown, l-24 ta' Ottubru 2014.

Għall-Istati tal-CARIFORUM
C. RODRIGUES-BIRKETT

Għall-Parti tal-UE
K. DE GUCHT
